**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Noel Bartolo**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

ILLUM 29 TA' NOVEMBRU 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**vs.**

**Lorvin Micallef ID 474487(M)**

**<u>Kump. Numru: 643/2021</u>**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Lorvin Micallef, iben Angodej (Angelo Judas) u Grace xebba Micallef, residenti 9, Triq Guliermu, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' 474487(M) imwieled l-Pieta', Malta nhar l-14/07/1987** akkużat talli:

Bejn id-disgha (09) t'Awwissu 2021 u t-tnejn (02) t'Ottubru 2021, b'diversi atti, ukoll jekk maghmula fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'riżoluzzjoni waħda:

Ġewwa l-gżejjer Maltin ikkommetta serq ta' karozzi liema serq hu kwalifikat bil-'valur' ta' aktar minn €2329.37, bil-'persuna' kif ukoll bix-'xorta tal-haga misruqa' ghad-dannu tal-kumpanija Baron Car Hire u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet ohra;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru 2021, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Rat it-talba tad-difiza waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru 2021 sabiex jigi mhejji pre-sentencing report u semgħet il-prosekuzzjoni tiddikjara waqt l-istess seduta illi r-*res furtiva* kollha giet debitament irritornata lil Baron Car Hire.

Rat ir-rapport tal-Probation Officer Sharlet Fabri esebit waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2021 u mmarkat bhala Dok CF 1 (fol 23) u semghet ix-xhieda tal-istess Probation Officer fl-istess seduta.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (Dok. "LB 2" – a fol. 6) l-ammissjoni bikrija tiegħu, ir-rapport tal-Probation Officer (Dok CF 1 (fol 23) u kif ukoll il-fatt illi r-*res furtiva* kollha giet debitament irritornata lil parti leza.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex jigi applikat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dana sabiex l-imputat jigi mghejjun biex jaghraf u jimxi fit-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c), 261(d), 261(g), 267, 268 (a) (d), 271 (g), 279(b) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Lorvin Micallef ID 474487(M)** hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u billi hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi ai termini ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat **Lorvin Micallef ID 474487(M)** taht ordni ta' probation ghal perijodu ta' sentejn (2) mil-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat **Lorvin Micallef ID 474487(M)** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' probation u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u

li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' probation, jista jinghata sentenza ghar-reat li tieghu nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' probation moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat **Lorvin Micallef ID 474487(M)**.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma jirriżultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proċeduri.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

___________________

**Dr. Noel Bartolo**
**Maġistrat**

___________________

Mario Spiteri
Deputat Reġistratur